MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2004

Appell Civili Numru. 205/1990/1

**Lawrence u Anthony Fino f'isimhom proprju u ghannom u in rapprezentanza tad-ditta C. Fino & Sons Ltd**

**v.**

**Joseph Fino u Charles Fino**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1.1 Ic-citazzjoni attrici taqra hekk:
"Peress illi l-kontendenti kellhom bejniethom diversi socjetajiet kummercjali u peress li fis-17 ta' Gunju, 1985

huma iddecidew li jaqsmu bejniethom dawn l-istess ditti u peress li skond dan il-ftehem id-ditta attrici giet f'idejn l-atturi f'isimhom proprju;

Peress illi t-taxxa dovuta lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni mid-ditta attrici in eccess ghal dak l-ammont stipulat fil-kotba tal-kumpanija, ghas-snin qabel il-31 ta' Dicembru, 1984, kellhom jinqasmu u jithallsu kwantu ghal kwart kull wiehed mill-ammont imsemmi, mill-konvenuti.

Peress illi d-dipartiment tat-taxxi interni hareg 'ex officio assesments' ghas-snin 1977 sa 1984 rigwardanti s-socjeta` attrici u wara negozjati dan gie ridott ghal tlieta u ghoxrin elf Maltin, liema ammont gie mhallas mid-ditta attrici u dan kif jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Peress illi a bazi tal-ftehim imsemmi bejn il-partijiet, il-konvenuti kellhom ihallsu sehemhom fi zmien gimgha minn meta jigu mitluba biex ihallsu, liema sehem ta' kull konvenut jammonta ghal LM4810.

Peress illi ghalkemm interpellati l-konvneuti baqghu inadempjenti:

Jghidu l-konvenuti ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex

1. Tikkundanna lil kull wiehed minnhom biex ihallas lill-atturi pro et noe s-somma ta' LM5,810, jew somma verjuri, a bazi tal-ftehim imsemmi kif fuq premess.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali u bl-imghax legali kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa ingunti ghas-subizzjoni."

1.2 B'sentenza tal-25 ta' Gunju, 2001, il-Prim Awla tal-Qorti Civili laqghet it-talba ta' l-atturi ghall-kundanna tal-konvenuti, fis-sens illi kull wiehed mill-konvenuti gie ikkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' hamest elef u tmien mija u ghaxar liri (Lm5,810), bl-imghax mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u bl-ispejjez gudizzjarji, u b'hekk cahdet l-eccezzjoni tal-konvenuti illi huma kienu diga` hallsu dak l-ammont billi qieghdu f'idejn l-attur Lawrence

Fino somma ferma akbar minn dik mitluba mill-atturi, kif ukoll cahdet il-kontro-talbiet tal-konvenuti, fejn talbu illi, wara li jitnaqqsu l-ammonti rispettivi dovuti minnhom, jigi restitwit lilhom mill-istess Lawrence Fino r-rimanenti ammont minn dak moghti lilu f'idejh biex ihallas skond ftehim li kien hemm bejniethom l-ammont dak iz-zmien mhux maghruf, li mbaghad irrizulta li kien dak ta' Lm5,810 dovut minn kull wiehed mill-konvenuti; l-ammont li kien gie depozitat ghand Lawrence Fino mill-esponent kien ta' Lm24,408 (erba' u ghoxrin elf, erba' mija u tmien liri) u ghalhekk l-ammont mitlub lura kien ta' Lm18,598 (tmintax-il elf hames mija tmienja u disghin lira).

**<u>L-APPELL TAL-KONVENUTI</u>**

2.1 Il-konveuti Joseph u Charles ahwa Fino hassew ruhhom aggravati mill-fuq imsemmija sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, u permezz ta' zewg rikors ta' appell separati interponew appell minnha quddiem din il-Qorti ta' l-Appell fuq l-aggravju segwenti:

Minn kliem l-ewwel Qorti dwar il-konvincement morali necessarju, jidher li din donnha applikat il-kriterju rikjest in materja kriminali pjuttost minn dak tal-bilanc ta' probabilita` rikjest in materja civili.

L-insistenza ta' l-ewwel Qorti dwar in-necessita` tal-"prova oggettiva": b'hekk din il-Qorti eskludiet ix-xhieda tal-partijiet bhala prova. Dan certament ma huwiex principju sanzjonat mil-ligi. Jekk il-Qorti jkollha dubju dwar il-kredibbilita` tal-partijiet opposti, ghandha dritt ta' l-ghazla bejniethom, dritt li jigi ezercitat regolarment (anke f'kazi fejn hu allegat pagament ta' flus, bhal dak odjern, minghajr ricevuta jew xhieda barranin – l-esponent jiccita gurisprudenza waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Del resto, f'kawza fejn il-fonti tal-hlas maghmul mill-esponent kien in-negozju personali konfermat mill-attur Lawrence Fino – deskritt minnu, kien ikun ingenwu min jippretendi li jkun hemm ricevuta formali tal-hlas jew terza persuna prezenti waqt il-hlas). Fil-kaz odjern gara pero` illi, jew, kif inghad bir-rispett kollu, l-ewwel Qorti applikat principji u kriterji zbaljati dwar il-grad ta' konvinzjoni necessarju ghall-Qorti u l-validita` probanti tax-xhieda tal-partijiet, jew

semplicement uzat l-applikazzjoni ta' dawn il-principju u kriterji biex tevita li taghzel bejn il-kredibilita` tal-partijiet. Ghazla pero` li ma kienitx tkun difficli (u dan ammess ukoll mill-ewwel Qorti fir-rimarki taghha dwar il-mod li xehed Lawrence Fino). Mill-provi prodotti jirrizulta ammont ta' evidenza, cirkostanzjali qawwija: din tikkonferma l-kredibilita` ta' l-appellanti minn kliem il-kontro-parti Lawrence Fino ('salus ex inimicis nostris) u taghti wkoll prova matematika ta' dak li l-appellanti jallegaw (kif spjegaw fil-paragrafu penultimu tan-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuti).

Il-konvenuti appellanti jiccaraw li huma mhumiex qeghdin jitolbu semplici apprezzament gdid tal-provi – li fi kwalunkwe kaz ikun gustifikat minhabba l-ammont involtu fil-kontro-talba tieghu u l-konsegwenti pregudizzju gravi allura kagunat lilhom b'decizjoni zbaljata: huma qeghdin jissottomettu li dan ir-ri-apprezzament irid isir minhabba l-applikazzjoni mill-ewwel Qorti ta' principji u kriterji ta' valutazzjoni ta' provi li jmorru oltre dak normalment rikjest, u minhabba n-nuqqas mill-ewwel Qorti li taghmel l-ghazla, f'dan il-kaz mhux difficli, bejn il-kredibilita` tal-partijiet, u l-konsegwenti eskluzjoni tal-prova fornita mix-xhieda tal-partijiet. Valutazzjoni tal-provi skond kriterji aktar korretti u realistici kienet tforni l-mezz biex tintlahaq konkluzjoni konformi mal-fatti.

Ghaldaqstant il-konvenuti appellanti talbu li din il-Qorti joghgobha tirrevoka interament id-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Prim Awla fil-25 ta' Gunju, 2001, fl-ismijiet Lawrence u Anthony Fino f'isimhom proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta C. Fino and Sons Ltd., vs Joseph Fino u Charles Fino, u dan billi tichad it-talba maghmula mill-atturi fic-citazzjoni ghall-hlas ta' Lm5,810 (hamest elef, tmien mija u ghaxar liri) bl-imghax u l-ispejjez gudizzjarji mill-appellanti, tilqa' l-eccezzjoni ta' l-appellanti konvenuti ghat-talba ta' l-atturi fic-citazzjoni, u tilqa' il-kontro-talba tal-konvenuti ghall-hlas lilhom mill-attur appellat Lawrence Fino tas-somma ta' Lm18,190 (tmintax-il elf, mija u disghin lira) u konsegwentement tichad l-eccezzjonijiet imressqa ghall-kontro-talba. Bl-

ispejjez taz-zewg istanzi, u bl-imghax, kontra l-atturi rikonvenzjonati u appellati.

**IR-RISPOSTA TA’ L-APPELL TA’ LAWRENCE U ANTHONY FINO PRO ET NOE GHALL-APPELL TAL-KONVENUT RIKONVENZJONAT CHARLES FINO**

3.1 B’zewg risposti separati imma sostanzjalment identici l-atturi appellati proprio et nomine wiegbu kif gej:-

Illi s-sentenza appellata, moghtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta’ Gunju, 2001, hija gusta u timmerita konferma ghar-ragunijiet segwenti.

L-aggravju ta’ l-appellant jikkonsisti fl-allegazzjoni lli l-ewwel Qorti applikat principji u kriterji ta’ valutazzjoni tal-provi li jmorru oltre dak rikjest fil-kamp civili, billi applikat, skond l-appellant, il-kriterju rikjest fil-kamp kriminali pjuttost minn dak tal-bilanc ta’ probabilita` rikjest f’materja civili.

L-appellant jidher illi irrealizza illi dak li fil-fatt qieghed jitlob huwa illi din il-Qorti terga’ taghmel apprezzament gdid tal-provi – talba allegatament gustifikata minhabba l-entita` ta’ l-ammont mitlub fil-kontro-talba. B’danakollu, certament li anke l-appellant japprezza illi dina t-talba hija insolita fin-natura taghha, stante li l-Qrati taghna dejjem irritenew illi l-apprezzament tal-provi jista’ jsir bl-ahjar mod mill-ewwel Qorti li tkun fil-fatt semghet ix-xiehda u tista’ ghalhekk tapprezzahom ferm aktar minn din il-Qorti, li jkollha tistrieh fuq it-traskrizzjoni tax-xhieda rizultanti mill-att processwali.

L-appellant jikkritika wkoll lill-ewwel Qorti, li ghamlet referenza ghan-nuqqas totali ta’ provi oggettivi illi jiggustifikaw il-kontro-talbiet jew jikkorroboraw il-verzjoni moghtija mill-appellant u mill-konvenut rikonvenzjonant l-iehor Joseph Fino. Skond l-appellanti, l-ewwel Qorti skartat ghal kollox bhala prova x-xhieda moghtija minnu u minn Joseph Fino. B’danakollu dan mhux korrett. Fl-ewwel lok, jigi rilevat illi n-nuqqas totali ta’ provi oggettivi in sostenn tat-tezi taghhom, gie rikonoxxut mill-istess

konvenuti rikonvenzjonanti fin-Nota ta’ Osservazzjonjiet taghhom quddiem l-ewwel Qorti. Inoltre, l-Ewwel Qorti waslet ghal decizjoni fuq il-kredibilita` tat-tezijiet imressqa quddiemha, b’referenza espressa ghall-provi l-ohra kollha u c-cirkostanzi kollha tal-kaz. L-appellant jilmenta illi l-ewwel Qorti kien messha ghamlet ghazla espressa dwar il-kredibilita` tal-partijiet u ibbazat ruhha kompletament u esklussivament fuq ix-xhieda skarna moghtija mill-kontendenti, u l-kredibilita` o meno ta’ l-istess. L-appellanti jikkummenta dwar ir-referenza li ghamlet l-ewwel Qorti ghall-agir ta’ l-esponenti fil-pedana tax-xhieda, li bl-aktar rispett, jidher li setghet kienet intiza proprju ghall-appellanti Joseph Fino, illi jidher li kien ferm incert u konfuz fil-pedana tax-xiehda, tant illi anke l-ewwel Qorti ikkummentat dwar dan, kif jidher mit-traskrizzjoni tax-xhieda.

Apparti dan il-fatt, jidher illi l-appellant naqas milli jifhem sewwa l-portata tas-Sentenza appellata. Fil-fatt, l-ewwel Qorti indikat kjarament illi hija evalwat il-provi kollha migjuba quddiemha, u skartat it-tezi mill-appellant u mill-konvenut rikonvenzjonant l-iehor, Joseph Fino, minhabba n-nuqqas assolut ta’ cirkostanzi oggettivi illi jikkorroboraw tali tezi. Anzi, l-ewwel Qorti ikkummentat espressament dwar fatturi illi hija sejjhet “*strambi*”, u li kwindi jiskarnaw it-tezi tal-konvenuti rikonvenzjonanti minn kull element ta’ kredibilita`.

Fil-fatt, l-ewwel Qorti, bi kwotazzjonijiet appoziti mit-testimonjanza moghtija, korrettament irrilevat l-inkonsistenzi fix-xhieda ta’ l-appellant u tal-konvenut rikonvenzjonant Joseph Fino, dwar iz-zmien meta suppost ghaddew il-fondi f’idejn l-esponenti Lawrence Fino. Inoltre, l-ewwel Qorti ikkummentat dwar l-inverosimiljanza ta’ l-allegazzjoni maghmula mill-konvenut rikonvenzjonant Joseph Fino illi xehed illi huwa mhux biss ghadda l-flus lill-esponenti Lawrence Fino, izda tah ukoll id-djarju li fuqu kien hemm referenza ghall-fondi in kwistjoni, b’mod li ippriva ruhu kompletament minn kull prova ta’ l-istess. Kif irrimarkat ukoll il-Qorti in Prim Istanza, lanqas id-djarju ta’ l-appellanti, illi jindika cifra ta’ 24,408 sentejn qabel l-akkadut, ma huwa prova oggettiva jew cirkostanza li

tikkorrobora l-allegazzjoni ta’ l-istess appellanti illi sentejn wara, huwa kien ghadda dawk il-fondi lill-esponenti Lawrence Fino.

Barra minn hekk, huwa ferm inverosimili, kif, del resto, dehrilha l-Qorti in Prim Istanza, illi filwaqt illi meta l-partijiet kienu ghadhom jagixxu bi shab bejniethom, kienu dejjem jiffirmaw ghal flejjes mghoddija, in linea ta’ ricevuta, proprju fiz-zmien meta r-relazzjonijiet bejniethom iddeterjoraw tant illi lanqas biss setghu jkomplu flimkien fin-negozju, f’daqqa wahda ma saret ebda talba ghal ricevuta, ghaliex kien hemm “*il-kelma*”. Ghalhekk huwa skorrett l-appellanti li jiddikjara li jkun “*ingenwu*” min jippretendi prova oggettiva, bhala ma hija ricevuta, jew il-prezenza ta’ terzi. Fl-ewwel lok ghaliex il-konvenuti rikonvenzjonanti kienu tnejn u ghalhekk setghu, kieku l-fatti kienu verament kif allegaw huma, jikkorroboraw lil xulxin, u mhux jikkontradixxu lil xulxin bhala ma fil-fatt ghamlu. U fit-tieni lok, ghaliex kif xehdu l-istess konvenuti rikonvenzjonanti, huma dejjem kienu jinsistu fuq ir-ricevuta, u ghalhekk, se mai, ikun ingenwu min jemmen illi proprju fl-aktar stadju attrit tar-relazzjoni kummercjali bejn il-kontendenti, ma kienx ser ikun hemm talba ghal ricevuta, anzi, il-konvenuti rikonvenzjonanti kienu proprju ser jitilqu minn idejhom id-djarji li kien jifformaw l-unika prova oggettiva u dokumentarja ta’ l-allegazzjoni taghhom.

Ghalhekk, l-ewwel Qorti kienet korretta fil-valutazzjoni taghha tal-provi migjuba, billi dehrilha, fuq bazi ta’ probabilita`, illi dak li ntqal mill-konvenuti rikonvenzjonanti ma kellux mis-sewwa u ghalhekk ma setax jigi accettat. Fil-fatt, ghalkemm ma iddikjaratx ruhha espressament dwar l-ghazla taghha dwar kredibilita` tat-tezijiet opposti migjuba quddiemha, l-ewwel Qorti jidher bic-car illi fil-fatt waslet ghal tali decizjoni a bazi tal-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz, li huma, fil-fatt, l-ahjar mezz kif wiehed jivvaluta l-provi fl-assjem taghhom.

Fid-dawl ta’ dan kollu, il-fatt illi l-ewwel Qorti esprimiet ruhha f’termini ta’ konnvizjoni morali “*kif ghandha tkun*” mhux indikazzjoni, kif jippretendi l-appellanti, illi l-istess

Qorti in Prim Istanza kienet qed tapplika xi kriterju ta' oneru ta' prova applikabbli fil-kamp penali. Meta wiehed jaqra s-Sentenza appellata, jifhem illi l-ewwel Qorti dehrilha – korrettement, del resto – illi l-provi cirkostanzjali kollha jikkontradixxu t-tezi tal-konvenuti rikonvenzjonanti, u li fuq bazi ta' probabilita`, hija ferm aktar probabbli t-tezi attrici minn dik tal-konvenuti rikonvenzjonanti, illum appellanti.

Ghaldaqstant l-appellati jissottomettu bir-rispett illi l-Appell ipprezentat mill-konvenut rikonvenzjonant Joseph Fino ghandu jigi michud, u s-Sentenza appellata tal-25 ta' Gunju, 2001, ghandha tigi konfermata fl-interezza taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess konvenuti rikonvenzjonanti appellanti.

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

4.1 Jibda biex jinghad li l-appell ta' Joseph Fino gie iddikjarat dezert b'digriet ta' din il-Qorti tal-15 ta' Marzu, 2004 u ghalhekk din il-Qorti mhix ser tiehu konjizzjoni aktar tieghu. Bhala sfond li ta lok ghal dan l-appell jinghad succintement li l-ewwel Qorti laqghet it-talba ta' l-atturi proprio et nomine u ordnat li kull wiehed miz-zewg konvenuti Joseph Fino u Charles Fino jhallsu lill-atturi s-somma ta' Lm5,810 bl-interessi mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u bl-ispejjez gudizzjarji. Dan ukoll billi l-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjonijiet taz-zewg konvenuti rispettivament fejn eccepew li kienu hallsu l-ammont reklamat peress li kienu ghaddew lill-appellat Lawrence Fino ammont ferm akbar minn dak mitlub fic-citazzjoni.

4.2 L-ewwel Qorti cahdet ukoll il-kontro-talbiet tal-konvenuti fil-konfront ta' Lawrence Fino, fejn huma talbu li wara li jitnaqqsu l-ammonti dovuti minnhom, Lawrence Fino jaghtihom lura l-bilanc ta' kapital rimanenti, liema ammont flus kien gie moghti lilu minhabba ftehim li kien sar bejniethom.

4.3 Skond Joseph Fino l-ammont depozitat minnu ma' Lawrence Fino kien dak ta' Lm24,408 u skond Charles Fino l-ammont depozitat kien dak ta' Lm24,000.

5. Ghalkemm minn ezami ta’ l-atti jidher evidenti hafna li l-ewwel Qorti, biex waslet ghad-decizjoni taghha, strahet maggorment fuq evalwazzjoni approfondita tal-provi prodotti miz-zewg nahat kontendenti, l-appell ta’ Charles Fino mhuwiex ibbazat semplicement jew merament fuq lanjanza ta’ apprezzament zbaljat ta’ l-istess provi min-naha ta’ l-ewwel Qorti. Il-lanjanza principali ta’ l-appellant, invece, hija dik li, l-ewwel Qorti “donnha applikat il-kriterju rikjest in materja kriminali pjuttost minn dak tal-bilanc ta’ probabilita` rikjest in materja civili”. L-“insistenza” ta’ l-ewwel qorti ghal dak li sejhet il-htiega tal-“prova oggettiva” hadmet kontra x-xiehda mressqa mill-partijiet. Skond l-appellant ghalhekk, valutazzjoni tal-provi skond kriterji “aktar korretti u realistici” kienet tforni l-mezz biex tinlahaq konkluzjoni konformi mal-fatti tal-kawza.

6.1 Din il-Qorti, wara li ezaminat mill-gdid il-provi kollha mressqa min-naha tal-konvenuti kif ukoll min-naha ta’ l-appellati proprio et nomine, ma jidhrilhiex li l-aggravju ta’ l-appellant Charles Fino huwa wiehed fondat.

6.2 Ghalkemm huwa minnu li l-ewwel Qorti adoperat termini bhal “nuqqas shih ta’ provi oggettivi” da parti tal-konvenuti u li dwarhom dik il-Qorti “ma hix moralment konvinta kif ghandha tkun….”, b’daqstant zgur ma jistax wiehed jinferixxi li l-ewwel Qorti kienet addottat il-kriterju ta’ certezza morali li hu rikjest f’materja ta’ procedura penali jew li warrbet il-kriterju applikabbli fil-kamp civili ibbazat fuq il-grad tal-probabilita` u preponderanza tal-fatti. Rinfaccjat b’zewg verzjonijiet kontrastanti u konfliggenti, kif ipprospetta ruhu l-kaz in ezami, il-gudikant dejjem huwa tenut li qabel ma jippronunzja ruhu, naha jew ohra, ghandu jasal ghall-konvincement morali tieghu skond il-grad rikjest mil-ligi. F’ebda waqt ma qalet l-ewwel Qorti li kienet qeghdha tirrespingi l-verzjoni tal-fatti minn kif moghtija mill-konvenuti ghaliex din ma irrizultatx minghajr dubju dettat mir-raguni jigifieri fit-termini assolutistici applikabbli fil-kap penali. Kif tajjeb ghalhekk gie ritenut mill-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza in re: “Enrico Camilleri –vs – Martin Borg”, moghtija fis-17 ta’ Marzu, 2003 (ara wkoll sentenzi

b'decizjonijiet simili in re: "E Zammit –vs– Petrococchino", Qorti ta' l-Appell, 25 ta' Frar, 1952; u "Paul Vassallo –vs– C. Pace", Appell Civili, 5 ta' Marzu, 1986),
"Il-gudikant fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet, imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet" (sottolinear tal-Qorti).

6.3 Fil-kaz in ezami l-ewwel Qorti waqfet milli telabora b'mod esplicitu li l-kriterju taghha kien dak ibbazat fuq il-preponderanza tal-probabilltajiet izda l-ezami tal-provi li johrog minn qari akkurat tas-sentenza appellata ma jhalli ebda dubju li biex waslet ghad-decizjoni taghha – wahda difficli fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz – l-ewwel Qorti qaghdet tqis u twiezen ix-xiehda prodotta mill-atturi pro et nomine min-naha wahda u x-xiehda tal-konvenuti min-naha l-ohra. Il-konstatazzjoni finali ta' l-ewwel Qorti kienet wahda skjetta fis-sens li kellha dubji u rizervi kemm fuq il-verzjoni moghtija mill-atturi pro et nomine izda maggorment pero` dwar dik avanzata mill-konvenuti. Dwar ix-xiehda tal-konvenuti, l-ewwel Qorti ikkonkludiet li dawn,
"….ma sehhilhomx li juru li tassew hallsu sehemhom mit-taxxa…"

Dwar it-talba ta' l-atturi pro et nomine, invece, minkejja li l-ewwel Qorti sabet diskrepanza u irriskontrat komportament ("imgieba") da parti ta' l-atturi "li xejn ma spirat fiducja", madankollu dehrilha li mill-assjem tal-provi, il-verzjoni ta' l-atturi kienet l-aktar wahda attendibbli u li ghalhekk kienet timmerita li tigi akkolta.

Ghalhekk isegwi li din il-parti ta' l-aggravju ta' l-appellant qieghdha tigi respinta ghax hija infondata.

7. Dwar il-bqija ta' l-aggravju, jibda billi jinghad li din il-Qorti, bhala Qorti ta' revizjoni, qajla tiddisturba leggerment l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti jekk

mhux ghal raguni gravi li tkun turi xort'ohra. Fil-kaz in ezami jirrizulta li x-xiehda viva voce moghtija mill-kontendenti nfushom testendi letteralment fi traskrizzjoni ta' deposizzjonijiet li komplessivament tkopri mijiet ta' pagni dattilografati. Fil-fatt, u dan qieghed jinghad bid-dovut rispett lejn l-ewwel Qorti, kien ikun ferm aktar ghaqli li kieku f'dan il-kaz il-Qorti gharfet tikkontrolla b'aktar rizolutezza l-mod kif xehdu u gew kontro-ezaminati x-xhieda mid-difensuri rispettivi tal-partijiet. In assenza ta' interventi proprji u opportuni mill-Qorti, meta xhud jithalla jiddivaga jew avukat difensur jithalla jaghmel l-istess tip ta' domandi ripetutament, facilment tispicca biex process civili ta' diffikulta` normali jinbidel f'maratona ta' deposizzjonijiet li parti sostanzjali minnhom ikunu irrilevanti ghall-vertenza.

8. Skond l-appellant, it-tezi tieghu, debitament sorretta minn provi sufficjenti, kellha twassal ghall-akkoljiment tal-kontro-talba tieghu u ghac-cahda tat-talba attrici. L-appellant mhux biss jaghmel riferenza ghal dak li xehdu l-partijiet imma wkoll ghall-"ammont ta' evidenza cirkostanzjali qawwija" li jirrizultaw mill-istess provi.

Min-naha l-ohra, l-atturi appellati wkoll jishqu fuq dawk il-brani mid-deposizzjonijiet mismugha li jsahhu u jikkoroboraw it-tezi taghhom. Kienet gusta u gustifikata ghalhekk l-ewwel Qorti li tilqa' t-talba taghhom kif dedotta u tichad il-kontro-talbiet tal-konvenuti, jissottomettu l-istess appellati.

9. Minn ezami tad-deposizzjonijiet moghtija mill-partijiet jirrizultaw divergenzi notevoli bejn il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-atturi proprio et nomine u dik moghtija mill-konvenuti.

Hekk il-konvenuti jixhdu li kien hemm fond imsejjah "SB", komprendenti flus personali ta' l-ahwa Fino u li permezz taghhom l-ahwa Fino kienu jaghmlu certu negozju addizzjonali bejniethom u liema fondi nzammu wkoll bhala rizerva ghall-hlas ta' taxxa "ex officio" u li kienet ghadha suggett ta' negozjati kondotti bejn il-Kummissarju tat-Taxxi Interni u s-socjeta` C. Fino & Sons. Il-konvenuti jsostnu li

huma ghaddew tali flus lil huhom Lawrence Fino (attur) wara li nqasam in-negozju li kellhom l-ahwa bejniethom. Kull wiehed minnhom kien izomm djarju b'notamenti dwar il-flus li kellhom u li kienu qeghdin jizborzaw. L-ammont ta' taxxa dovuta kellu jitnaqqas minn dan il-fond imholli ma' Lawrence Fino u l-bilanc in eccess kellu jigi rifuz lilhom.

L-appellati ma jaqblu xejn ma' dan – fil-fatt lanqas ma hemm qbil ghal kollox ma' dak li kull wiehed mill-atturi xehed! Anthony Fino jixhed li tali fond ma kienx jezisti u jekk sar xi negozju addizjonali dan kien wiehed negligibbli. Ghalkemm huwa minnu li hu kien izomm djarju ta' kull sena, hu ma kellux "diary" bhalma jsemmu l-konvenuti u lanqas jaghraf il-firma tieghu fuq il-pagna allegatament mehuda mid-"diary" f'idejn Charles Fino. Lawrence Fino pero` jixhed li l-ahwa kellhom "diary" kull wiehed, u li tassew kien jezisti kont maghmul minn flejjes personali ta' l-ahwa Fino u li dan seta' kien maghruf bhala "SB". Dan kien jinzamm ghal xi "business" partikolari u kien anki jservi biex isiru hlasijiet varji minnu. <u>Madankollu, Lawrence Fino jichad li dawn il-flus qatt gew ghandu</u>. Jixhed ukoll li d-djarju ta' Carmel Fino kien gie ghandu ghax kien ghaddihulu huh Carmel stess biex izommulu izda rega' irritornah.

10. Minn dawn id-deposizzjonijiet irrizulta li fond maghmul minn flejjes ta' l-ahwa tabilhaqq kien jezisti u li fid-djarju li kull wiehed mill-ahwa Fino kien izomm, kienu jitnizzlu kemm notamenti dwar il-flus mizmuma f'isem il-kumpanija C. Fino & Sons Ltd kif ukoll flejjes personali. <u>Jonqos pero` l-prova, kif ikkonkludiet l-ewwel Qorti, li l-konvenuti tassew ghaddew flejjes lil Lawrence Fino</u> – il-provi relativi, li kienu maggorment jispettaw lill-konvenuti, baqghu inkonkluzivi.

11. Bl-istess mod jirrizulta li ma ngabitx prova sufficjenti li l-firma (fotokopjata) li tidher fuq folja mid-djarju li suppost kien izomm il-konvenut Charles Fino – esebita b'nota ta' Charles Fino fis-16 ta' Frar, 1996 – hija tabilhaqq dik ta' Anthony Fino. Fil-fatt, Anthony Fino <u>jichad</u> li din kienet il-firma tieghu. Din il-firma tidher fuq pagna fotokopjata

minn djarju tas-sena 1983, bid-dati 21 ta’ Novembru sas-27 ta’ Novembru, u fl-entrata tal-21 ta’ Novembru hemm indikata “SB” u figura ta’ ‘24,408’ (ara dokument a fol. 152 tal-process). Fid-data tat-22 ta’ Novembru hemm cifri u firma hdejn ic-cifra ‘9000’ li Carmel Fino jallega li kienet dik ta’ Anthony Fino. L-ammont ‘24,408’ hu l-ammont li Carmel Fino qieghed jallega li ta lil Lawrence Fino, kif hemm premess fil-kontro-talba.

12. Kif gia` nghad mhuwiex ippruvat bizzejjed – lanqas fi grad ta’ probabilita` - li din il-firma saret tassew minn Anthony Fino. Minbarra dan, il-firma ta’ Anthony Fino mhijiex biswiet l-ammont taht “SB” izda tinsab hdejn l-isem C. Fino & Sons Ltd. Jirrizulta inoltre li l-qasma tan-negozju gestit mill-ahwa Fino sehhet fl-1985 u l-ahwa Fino kienu qablu fuq id-divizjoni lejn l-ahhar tas-sena 1984, mentri l-folja ta’ dan id-djarju tirreferi ghas-sena 1983. Id-djarju qatt ma gie prodott quddiem l-ewwel Qorti.

13. Is-suespost u dettalji ohrajn mill-provi prodotti juru inkonsistenzi bejn tezi u ohra. Din il-Qorti hija sodisfatta illi l-analisi kondotta mill-ewwel Qorti, li skrutinat sew l-istess provi, hija wahda korretta u m’ghandha l-ebda raguni l-ghala ghandha tasal ghal xi konkluzjoni diversa b’mod li tinduciha li tirrevoka u taqleb is-sentenza appellata. Kienet ghalhekk korretta f’dan is-sens l-ewwel Qorti meta ikkummentat li kien hemm “nuqqas ta’ provi oggettivi” li jikkorroboraw ix-xhieda u t-tezi tal-konvenuti. Wara kollox anke l-istess konvenuti, fin-nota ta’ osservazzjonijiet li ipprezentaw quddiem l-ewwel Qorti (ara nota tal-24 ta’ Novembru, 2000 para. II, fol. 2), jissottommettu li stante li ma kienx hemm ricevuti ta’ tali pagament da parti taghhom, dan il-pagament htieglu jigi ippruvat xort’ohra tramite xiehda cirkostanzjali. Il-konvenuti jidhrilhom li tali provi cirkostanzjali kienu sodi bizzejjed biex huma jippruvaw il-verzjoni taghhom a sodisfazzjon tal-Qorti. L-ewwel Qorti, u din il-Qorti bhalha, ma hijiex ta’ l-istess fehma. Certament pero` jidher evidenti li l-ewwel Qorti bl-ebda mod ma ssorvolat jew skartat id-deposizzjonijiet li taw il-partijiet. Fil-fatt, fis-sentenza nsibu rezokont approfondit tal-provi prodotti miz-zewg nahat da parti ta’ dik il-Qorti.

Ghalhekk din il-Qorti qeghda tirrespingi wkoll din il-parti ta' l-aggravju dwar l-apprezzament tal-provi.

Ghal dawn ir-ragunijiet tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell ta' Charles Fino, bl-ispejjez kontra tieghu. L-appell ta' Joseph Fino, kif diga` nghad, gie dikjarat dezert fil-15 ta' Marzu, 2004. L-ispejjez ta' l-ewwel istanza jibqghu kif deciz mill-ewwel Qorti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------